# L-Orgni tal-Knisja Parrokkjali

Il-Ħadd 15 ta' Jannar 2012 wasal Malta l-engineer taljan Rino Geri sabiex jinbeda l-ewwel parti ta' restawr fuq l-orgni l-kbir tal-pajpijiet li jinsab fil-gallarija ta' fuq id-daħla tal-bieb ta' barra u li ġie amalgamat mal-orgni Viscount Prestige.

Nibdew billi ngħatu ħarsa bid-dettalji ta' dan il-Orgni mill-ktieb 'A Catalogue Of The Old Organs in Malta and Gozo' paġna 51 tal-edituri H. Agius Muscat u L. Buono, maħruġ mill-Media Centre Publications, Malta 1998. Ħajr ukoll lil Dr. J.F. Grima.

L-ewwel orgni li jissemma fil-knisja parrokkjali li, sal-1736 kien fuq palk fit-tieni kappella ħdejn il-pulptu u kien joħroġ 'il barra fil-korsija. L-Isqof Alpheran ried li jitqiegħed fil-kor. Għalhekk kellhom isiru żewġ gallariji għall-orgni fuq il-bibien li jagħtu għall-kor li tlestew fl-1768. Imma wara li fl-1843 tlestew u tqiegħdu f'posthom iż-żewġ kwadri laterali tal-kor u, għaldaqstant, l-orgni kellu jitneħħa minn hemm ukoll u jsibulu post ieħor fil-knisja. Kien għalhekk li nbniet il-gallarija ta' l-orgni li hemm illum, u naturalment post għall-orkestra, fuq il-bieb il-kbir malli tidħol fil-korsija miz-zuntier. Saret minn flus li ħalla l-Kjeriku Pawlu Xuereb (1747-1826), benefattur kbir tal-parroċċa, fi stil artistiku li xeraq lill-knisja u twaħħad magħha.



Dan l-orgni maħdum l-Italja mhux magħruf minn ħadmu fit-tieni nofs tas-seklu 19 u jidher li sar apposta biex jitqiegħed fil-gallarija preżenti, li allura kienet ġdida dak iż-żmien. Iżżanżan mill-Maestro di Cappella tal-parroċċa, Patri Ġużeppi Spiteri Fremond (1804-1878), minn Ħal Qormi stess, li kien imexxi l-mużika li kienet tindaqq fl-okkażżjonijiet liturġiċi bejn l-1837 u l-1872. Hu magħmul mill-injam u fil-faċċata għandu partijiet minnhom indurati bid-deheb biex jikkumplimentaw mad-dehra tal-Knisja.

Fih 29 pajp magħmula mil-landi b'forma wisa n-naħa ta' fuq li jingħalqu għad-dejjaq in-naħa t'isfel. Dawn insibuhom bl-istil ta' 11 fuq quddiem net 7 warajhom u ħdax oħra fuq wara. L-itwal pajp fih 8 piedi.

Biex jintuża dan l-orgni rrid ikollu keyboard u għalhekk wieħed isib keyboard b'54 buttuna miċ-C1 sa F5 u li mihiex l-oriġinali.

Insibu ukoll 17-il pedata għal taħt is-saqajn intonati miċ-C1 sa E2 li jistażaw ukoll biex jinqaleb manwali.

Ir-reġistri ta' dan l-orgni li jinsabu fuq il-lemin tiegħu insibu:

Il-Principale 8'
Bordone 8'
Salicional 8' (miċ-C3)
Flauto 4'
Ottava 4'
Ripieno 4'
(Contrabassi)

Dwar l-aċċessorji wieħed isib it-Terza mano, Ripieno, Tremolo li jaħdmu billi tingħafas pedata l-isfel.

Wind: One lantern below operated by a lever; electric blower fitted (1960 ca).

Wind Chest: Slider chest.

Skond din il-kitba fl-1996 kien jinsab fi stat ta' konservazzjoni tajba inklużi l-azzjonijiet u r-registeri tiegħu.

L-ewwel fażi tar-restawr kien lest sas-Sibt ta' wara fejn mis-Sibt 21 ta' Jannar reġa' beda jinstema l-ħoss ħelu ta' dan l-orgni kif ukoll

ġie amalgat mal-Orgni l-ġdid mill-Kor..

Issa fi Frar u Marzu għaddejna għat-tieni fażi tar-restawr . . it-tindif tal-pajpijiet . . u l-kundizzjoni tagħhom flimkien mal-induratura tagħhom.

Matul April u Mejju tkompla r-restawr tal-gallarija kollha fosthom tal-brazzi, flimkien maż-żebgħa u l-induratura.

Lejn l-aħħar ta' Mejju wara żjara minn Rino u Claudio ġie intunat l-Orgni fejn issa ġie jaħdem mal-Orgni l-ġdid mill-Kor.

Għandna nkomplu nkunu ġenerużi ħalli dan il-kapolavur antik u restawr ieħor ma' nħalluhomx jispiċċaw fix-xejn.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-għajnuna tagħkom.



***Kumitat Damask u Orgni.***





